**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/025 |
| **Allegazzjoni:** | 1. Ksur ta' liġijiet kriminali u tat-traffiku billi injora ordni leġittima tal-Pulizija; li qiegħed membri tal-istess Korp f'periklu permezz tas-sewqan tiegħu; sewqan traskurat, perikoluż u bla kont; u li baqa' għaddej fuq traffic lights mixgħulin ħomor (l-Ewwel Allegazzjoni).<br>2. Li saret akkuża fil-midja li Karl Stagno Navarra huwa strument ta' rikatt minn uffiċjal għoli tal-pulizija (it-Tieni Allegazzjoni). |
| **Ilmentaturi:** | Karl Stagno Navarra<br>Joe Cardona |
| **Data tal-Ilmenti:** | 16 ta' Mejju 2020 (Karl Stagno Navarra)<br>17 ta' Mejju 2020 (Joe Cardona)<br>18 ta' Mejju 2020 (Karl Stagno Navarra) |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 4 ta' Novembru 2021 |

**L-Ilment**

1. L-ilment sar permezz ta' email tas-16 ta' Mejju 2020 (annessa u mmarkata Dokument A) minn Karl Stagno Navarra li talabni ninvestiga aġir li qal li deher f'filmat muri fuq il-programm Pjazza, fuq One Television, nhar il-15 ta' Mejju 2020. L-ilmentatur żied jgħid:

> *Dan il-filmat juri lid-Deputat tal-Partit Nazzjonalista Dr Karol Aquilina jinjora ordni leġittima ta' membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu qed jaqdu dmirhom, ripetutament jisfida l-ordnijiet tagħhom, ipoġġi lill-istess*

*membri tal-Korp f'periklu permezz tas-sewqan tiegħu, isuq b'mod traskurat, perikoluż u bla kont, u saħansitra jibqa' għaddej fuq traffic lights mixgħulin ħomor. Tali aġir żgur li mhuwiex wieħed li jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati, minbarra li hu illegali u juri attitudni ta' persuna li temmen li hi 'l fuq mil-liġi.*

*Għaldaqstant, qed nitolbok tinvestiga l-aġir tad-Deputat Karol Aquilina u tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhirlek xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*Dan il-filmat wasal fil-pussess tiegħi ftit ġranet ilu.*

2. Sussegwentement b'email tat-18 ta' Mejju 2020 (annessa u mmarkata Dokument B), Karl Stagno Navarra talabni ninvestiga t-Tieni Allegazzjoni, u ċioè li l-Onor. Karol Aquilina akkuża lil Stagno Navarra li huwa strument ta' rikatt minn uffiċjal għoli fi ħdan il-korp tal-pulizija.

3. Fil-frattemp, permezz ta' email tas-17 ta' Mejju 2020 (annessa u mmarkata Dokument Ċ), is-Sur Joe Cardona talabni ninvestiga ċirkostanzi tal-Ewwel Allegazzjoni li jirriżultaw mil-filmat. Is-Sur Cardona qal ukoll: "*Milli smajt l-Onorevoli Aquilina meta ġie imkellem mill-pulizija uża l-Immunità Parlamentari*."

**Preskrizzjoni**

4. L-Ewwel Allegazzjoni tittratta inċident stradali li ġara fit-3 ta' Ġunju 2019. Għalhekk seħħ ftit inqas minn sena qabel ma sar l-ilment. L-artikolu 14(1) tal-Att Dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap 570 tal-Liġijiet ta' Malta, imsemmi bħala "l-Att" fil-bqija ta' dan ir-rapport) jispeċifika li biex jista' jiġi kunsidrat, ilment għandu jsir fi żmien tletin jum ta' xogħol minn dakinhar li fih l-ilmentatur sar jaf bil-fatt li ta lok għall-ilment. Is-Sur Stagno Navarra jgħid li dan ġie a konjizzjoni tiegħu ftit ġranet qabel ma għamel l-ilment. Ma ndagajtx dan hux minnu jew le stante li l-ilment tas-Sur Cardona, li jirreferi għal filmat li ra fuq One News il-ġurnata ta' qabel, jissana dan l-aspett kemm-il darba dak li jallega

s-Sur Stagno Navarra dwar meta sar jaf bl-inċident, kellu jirriżulta li mhux minnu.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni dwar l-Ewwel Allegazzjoni**

5. L-Ilmentaturi ma jirreferu għal ebda dispożizzjonijiet ta' xi liġi jew ta' regoli dwar l-etika bħala l-bażi għall-ilmenti tagħhom. Biss, fl-ewwel ilment tiegħu s-Sur Stagno Navarra indirettament jirreferi għall-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati ("il-Kodiċi"), li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att. L-artikolu 1 ta' dan il-Kodiċi jgħid:

> *Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa sew jekk barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.*

6. Kwantu ghall-Ewwel Allegazzjoni, u ċioè dik li tirrigwarda l-inċident marbut mas-sewqan, din tista' tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-artikolu 1 tal-Kodiċi, jew inkella fil-kuntest tal-artikolu 22(1) tal-Att, li jittratta dwar ksur ta' "*xi dmir statutorju* […] *kif previst taħt dan l-Att jew kull liġi oħra*".

7. Mhuwiex l-għan tal-Att li kull allegat ksur ta' xi liġi da parti ta' deputat parlamentari jew persuna oħra li taqa' taħt l-Att jiġi kkunsidrat minni, u li b'hekk jiena nassumi l-irwol tal-pulizija eżekuttiva jew ta' kwalunkwe awtorità statali oħra li jkollha l-inkarigu li tiddetermina jekk sarx l-allegat ksur. Anzi, bħala regola ġenerali, ilment li jaqa' fil-kompetenza ta' xi awtorità oħra għandu jiġi investigat minn dik l-awtorità fl-ewwel istanza. Jekk dik l-awtorità ssib li l-ilment huwa ġustifikat u kien hemm ksur tal-liġi, jiena imbagħad nista' niddetermina jekk dan il-ksur jirrappreżentax ksur ta' dmir statutorju għall-finijiet tal-artikolu 22(1) tal-Att. Iżda m'għandix nassumi l-irwol ta' awtoritajiet statali oħra billi niddeċiedi minflokhom każijiet li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom.

8. Barra minn hekk, la l-artikolu 1 tal-Kodiċi u lanqas l-artikolu 22(1) tal-Att ma jfisser li jien għandi ninvestiga azzjonijiet ta' deputati parlamentari li huma purament privati u mhumiex relatati, anki indirettament, mal-irwol tagħhom bħala deputati. Per eżempju, x'aktarx li ma ninvestigax każ ta' deputat li jkun qed jaqdi qadja personali bil-karozza privata tiegħu u jkun involut f'inċident stradali.

9. Biss, il-każ taħt konsiderazzjoni huwa differenti għaliex parti mill-Ewwel Allegazzjoni hija li l-Onor. Aquilina invoka l-immunità parlamentari meta ġie avviċinat mill-pulizija dwar il-każ. Jekk deputat parlamentari tassew jipprova jinqeda bl-istatus tiegħu bħala deputat biex jevita l-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħu, anki jekk dawk l-azzjonijiet ikunu purament privati kif indikat fil-paragrafu preċedenti, potenzjalment ikun qiegħed jitfa' dell fuq il-Parlament u jmur kontra l-artikolu 1 tal-Kodiċi. Għaldaqstant l-Ewwel Allegazzjoni timmerita investigazzjoni fid-dawl ta' dan l-artikolu tal-Kodiċi.

10. Għandi nippreċiża li f'dan l-istadju qiegħed niddiskuti l-ammessibilità tal-Ewwel Allegazzjoni. Miniex nesprimi ġudizzju dwar jekk din l-allegazzjoni hix fondata jew le.

11. Billi l-ilment tas-Sur Cardona daħal wara dak tas-Sur Stagno Navarra u jittratta l-istess mertu tal-Ewwel Allegazzjoni, iddeċidejt li nittrattahom flimkien f'rapport wieħed.

**Deċiżjoni li ma Ssirx Investigazzjoni dwar it-Tieni Allegazzjoni**

12. Is-Sur Stagno Navarra talabni ninvestiga xi allegazzjoni li jgħid li għamel l-Onor. Aquilina fis-sens li Stagno Navarra huwa strument ta' rikatt minn uffiċjal għoli tal-Pulizija. Is-Sur Stagno Navarra talab li din l-allegazzjoni "*tkun investigata separatament mill-ilment oriġinali*". Biss, billi hija relatata mill-viċin mal-ilment oriġinali, iddeċidejt li nikkunsidraha bħala parti mill-istess każ.

13. Mhuwiex kompitu tiegħi li nidħol fil-veraċità o meno ta' allegazzjonijiet li jagħmlu d-deputati parlamentari tagħna. Iċ-ċittadin għandu r-rimedji li tagħtih il-liġi ordinarja. Żgur li la qatt kien intiż li l-Kap 570 jagħtini din is-setgħa, u lanqas ma hemm xi provvediment fl-Att għal dan il-għan.

14. Għaldaqstant iddeċidejt li m'hemmx lok li tiġi investigata t-Tieni Allegazzjoni.

**Proċedura tal-Investigazzjoni tal-Ewwel Allegazzjoni**

15. L-Onor. Aquilina deher quddiemi fuq talba tiegħu stess (ara skambju ta' emails annessi u markati Dok D) fit-22 ta' Mejju 2020 fejn irrakkonta l-verżjoni tiegħu tal-inċident. F'din il-laqgħa huwa spjega d-dinamika tal-inċident fejn insista li ma għamel xejn ħażin u fejn spjega li huwa rrapporta l-każ immedjatamant lill-Ispeaker stante li l-inċident seħħ meta kien fi triqtu għal seduta tal-Parlament. Huwa ġie informat minni li kemm-il darba kienu ser jittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu in materja, allura l-investigazzjoni kienet tiġi sospiża.

16. Fid-29 ta' Mejju 2020 ktibt lill-Aġent Kummissarju tal-Pulizija Carmelo Magri (kopja tal-ittra annessa u mmarkata Dok E) billi fil-frattemp ukoll ġie rappurtat fil-midja li s-Sur Stagno Navarra talab lill-Pulizija biex jinvestigaw il-każ, f'liema ċirkostanza jien, skont il-liġi, kelli nissospendi l-investigazzjoni tiegħi.

17. Fit-2 ta' Ġunju 2020 l-Aġent Kummissarju Magri irrisponda b'ittra annessa u markata Dok F fis-sens li denunzja tas-Sur Stagno Navarra fir-rigward ta' dan il-każ kienet qed tiġi investigata.

18. Għalhekk issospendejt l-indaġini tiegħi ai termini tal-artikolu 13(3) tal-Att.

19. Fil-fatt irriżulta li ttieħdu passi kriminali kontra l-Onor. Aquilina, li ġew fi tmiemhom fid-29 ta' Settembru 2021 b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Nicholas Vella) v. Karol Aquilina.[1]

20. Fis-26 ta' Ottubru 2021 l-Onor. Aquilina kitibli (ittra annessa u mmarkata Dokument G) u informani li din is-sentenza ma ġietx appellata u għalhekk saret definittiva. Jiena ivverifikajt dan direttament mal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati (korrispondenza annessa u mmarkata Dokument H) u għaldaqstant komplejt nikkunsidra l-każ.

**Konsiderazzjonijiet**

21. Mis-sentenza imsemmija jirriżulta s-segwenti:

i. li l-imputat l-Onor. Aquilina ġie liberat minn kull akkuza dwar sewqan ħażin, li fl-opinjoni tal-Qorti "*assolutament ma jirriżultawx*";[2]

ii. li l-filmat muri fuq One News, u li fuqu gie mibni l-każ u r-rapporti, kien "*editjat*" u ma kienx l-oriġinali li ġie mgħoddi lill-Pulizija mis-sid tal-vann (privat) tal-iskorta;

iii. li l-Onor. Aquilina jidher li osserva r-regoli kollha tat-traffiku inkluż li waqaf fuq stop sign, li kien qed isuq b'veloċità normali, u li għamel l-indikazzjonijiet neċessarji meta kien ser jaqleb minn karreġġata għall-oħra;

iv. li "*kien l-aġir tal-pulizija partikolarment il-manuvrar ripetut minn karreġġata għall-oħra u skambjar ta' pożizzjonijiet tagħhom*

---

1 Is-sentenza tal-Qorti hija aċċessibbli minn https://ecourts.gov.mt/onlineservices/Judgements/PrintPdf?JudgementId=0&CaseJudgementId=128383.

2 Sentenza tal-Qorti, paragrafu 27.

*(iżjed u iżjed meta l-ebda persuna ma kienet qed tiġi skortata iżda kienu qed jiġu skortati biss vetturi* […]*) aġir ripetut li addirittura huwa reminixxenti ta' wirja tal-piloti tar-Red Arrows fuq l-art, kien xi ftit sproporzjonat u seta' ħoloq perikolu bla bżonn għas-sewwieqa li kienu għaddejjin mit-triq".*[3]

22. L-Ewwel Allegazzjoni tinqasam f'dawn l-elementi:

i. li l-Onor. Aquilina "*jinjora ordni leġittima ta' membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu qed jaqdu dmirhom*" u "*ripetutament jisfida l-ordnijiet tagħhom*" (Karl Stagno Navarra);

ii. li l-Onor. Aquilina "*ipoġġi lill-istess membri tal-Korp f'periklu permezz tas-sewqan tiegħu, isuq b'mod traskurat, perikoluż u bla kont*" (Karl Stagno Navarra); u

iii. li l-Onor. Aquilina baqa' għaddej minn fuq dawl aħmar (Karl Stagno Navarra, Joe Cardona);

iv. li l-Onor. Aquilina "*meta ġie imkellem mill-pulizija uża l-Immunità Parlamentari*" (Joe Cardona).

23. Fir-rigward tal-**ewwel element**, sewwieq ta' vettura li ma jsegwix ordnijiet tal-pulizija jkun qed jikkommetti kontravvenzjoni.[4] Li kieku l-pulizija kellhom provi biex isostnu tali akkuża, setgħu jipproċedu fuq din ukoll la ħadu passi kontra l-Onor. Aquilina fuq akkużi oħra fl-istess każ. Għalhekk jiena ma nħossx li għandi nikkunsidra dan l-aspett.

[3] Sentenza tal-Qorti, paragrafu 26.

[4] Ir-regolament 124(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (LS 65.11) jgħid "*Kull min isuq jew ikollu fil-kontroll tiegħu vettura bil-mutur għandu f'kull waqt jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija jew minn uffiċjal tal-komunità għal biex jitmexxa t-traffiku jew għal kull raġuni oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom*." Dan ir-regolament għandu jinqara flimkien mal-artikolu 55(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (il-Kap 65 tal-liġijiet ta' Malta).

24. Is-sentenza tal-Qorti tindirizza t-**tieni element** direttament:

> *24. Il-Qorti hija inkredula kif minkejja li l-imputat jidher b'mod ċar illi f'kull ħin u f'kull mument huwa osserva l-liġijiet kollha tat-traffiku, inkluż li jieqaf fuq l-iStop sign u jixgħel l-indicator fejn rikjest, huwa ġie mressaq b'dawn l-akkużi.*
>
> *25. Dan kollu meta sopra corne bastonate jidher ċar ukoll illi jekk kien hemm manuvra perikoluża din kienet da parti tal-uffiċjal tal-pulizija li mhux biss żamm b'mod esaġeratament viċin mal-vettura tal-imputat, iżda di più qalgħu min-naħa ta' ġewwa proprju fil-punt illi l-imputat kien qiegħed jixgħel l-indicator biex jmur fuq il-karreġġjata ta' ġewwa.*

25. Fir-rigward tat-**tielet element**, il-Qorti tgħid hekk hi u tikkummenta fuq il-filmat li hu l-bażi tal-każ:

> *Maġenb it-traffic lights fuq in-naħa ta' barra jidhru żewġ uffiċjali lebsin high visibility jackets li qed jagħmlu sinjal b'idejhom lejn is-sewwieqa sabiex jibqgħu għaddejjin.* [...] *Il-vann iswed u l-vettura li minnha qed jittieħed il-filmat jaqilbu għall-karreġġjata ta' ġewwa, jaslu lejn it-traffic lights mixgħulin fuq l-aħmar, u jibqgħu għaddejin.*[5]

26. Dan ifisser li l-Onor. Aquilina għadda minn fuq id-dawl aħmar fuq struzzjonijiet ta' persuni (x'aktarx uffiċjali ta' Transport Malta) li ġew segwiti anki mill-vetturi li kienu qed jiġu eskortati mill-pulizija.

27. L-uffiċjali bil-high visibility jackets jidhru ċar fil-filmat jagħmlu sinjali biex is-sewwieqa jibqgħu għaddejjin minkejja li d-dawl kien aħmar. Mhux ċar jekk is-Sur Stagno Navarra naqas milli josserva sew il-filmat tiegħu stess, jew inkella għażel li jinjora din l-evidenza meta allega li l-Onor. Aquilina "*saħansitra jibqa' għaddej fuq traffic lights mixgħulin ħomor*". Persuna li konxjament tagħmel dikjarazzjoni falza quddiem awtorità pubblika jew rapport falz lill-pulizija kontra persuna oħra tkun qed tesponi ruħha għal akkużi ta' reat kriminali.[6]

---

5 Sentenza tal-Qorti, paragrafi 7 u 8.

6 Ara l-artikoli 101 u 188 tal-Kodiċi Kriminali (il-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta).

28. Is-Sur Cardona jirrepeti l-istess akkuża, iżda miniex niddubita mill-intenzjonijiet tiegħu għaliex huwa sempliċiment jirrepeti dak li qal is-Sur Stagno Navarra fuq il-programm televiżiv tiegħu.

29. Fir-rigward tar-**raba' element**, ma jirriżultax mix-xhieda rappurtata fis-sentenza li f'xi ħin ġie invokat il-privileġġ parlamentari (kif allegat fil-midja u kif imsemmi fl-ilment ta' Joe Cardona) għajr li, skont kif xehed PC 1196 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, meta huwa talab lill-Onor. Aquilina li jattendi d-depot l-Onor. Aquilina irrifjuta u qallu biex ikellem lill-Ispeaker.[7] Il-kwistjoni tidher li waqfet hemm.

30. F'dan il-kuntest għandi nosserva li deputat parlamentari Malti m'għandux immunità ġenerali minn prosekuzzjonijiet kriminali. Deputat għandu immunità biss minn proċeduri ċivil jew kriminali fir-rigward ta' kliem li jgħid fil-Parlament jew li jikteb f'rapport, mozzjoni jew xogħol ieħor li huwa jressaq quddiem il-Parlament, kif ukoll mill-arrest għal dejn ċivili (basta dan ma jkunx ġej minn frodi jew xi reat kriminali ieħor). Deputat huwa wkoll imħares milli jiġi ostakolat huwa u sejjer lejn jew jirritorna mill-Parlament.[8]

31. Dan ifisser li l-Onor. Aquilina ma kellux dritt jinvoka l-immunità parlamentari f'dan il-każ, kif jixhdu l-fatti li l-akkużi ġew trattati mill-Qorti fil-kuntest tal-proċess kriminali u li l-Qorti semgħet il-każ. Il-fatt li l-Onor. Aquilina rrifera għall-Ispeaker ma jammontax għall-invokazzjoni ta' immunità parlamentari u dan ma xekkilx il-proċeduri kriminali kontra tiegħu.

---

7 Sentenza tal-Qorti, paragrafu 12.

8 Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113), artikoli 2, 3(1), u 11(4)(d).

## Konklużjoni

32. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżultali li ma kien hemm ebda ksur ta' etika f'dan il-każ, u l-ilmenti ma jistgħux jintlaqgħu.

33. Dan ir-rapport qed jintbagħat lill-Ilmentaturi u lill-Onor. Karol Aquilina, kif ukoll liċ-Chairman tal-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tal-Kumitat. Kopja tar-rapport qed titqiegħed ukoll fuq il-website tal-uffiċċju tiegħi.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 16 ta' Mejju 2020 mingħand is-Sur Karl Stagno Navarra. |
| Dokument B | Email tat-18 ta' Mejju 2020 mingħand is-Sur Karl Stagno Navarra. |
| Dokument Ċ | Email tas-17 ta' Mejju 2020 mingħand is-Sur Joe Cardona. |
| Dokument D | Skambju ta' emails mal-Onor. Karol Aquilina bejn is-16 u l-20 ta' Mejju 2020. |
| Dokument E | Ittra datata 29 ta' Mejju 2020 lill-Aġent Kummissarju tal-Pulizija Carmelo Magri. |
| Dokument F | Risposta datata 2 ta' Ġunju 2020 tal-Aġent Kummissarju Magri. |
| Dokument G | Ittra datata 26 ta' Ottubru 2021 mingħand l-Onor. Karol Aquilina. |
| Dokument H | Korrispondenza datata 29 ta' Ottubru 2021 u 1 ta' Novembru 2021 bejn l-uffiċċju tiegħi u l-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati. |

DOKUMENT A

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Karl Stagno Navarra <[redacted]> |
| **Sent:** | Saturday, 16 May 2020 11:36 |
| **To:** | Office |
| **Subject:** | TALBA FORMALI GHAL INVESTIGAZZJONI |

Dr George Hyzler
Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika

16 ta' Mejju 2020,

Ghaziz Dr Hyzler,

Naghmel referenza ghall-filmat muri fuq il-Programm Pjazza, fuq One Television nhar il-15 ta' Mejju, 2020, li kopja tieghu qed tigi provduta permezz ta' dan l-email.

FILMAT: https://we.tl/t-wHy2KIbHdu

Dan il-filmat juri lid-Deputat tal-Partit Nazzjonalista Dr Karol Aquilina jinjora ordni legittima ta' membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu qed jaqdu dmirhom, ripetutament jisfida l-ordnijiet taghhom, ipoggi lill-istess membri tal-Korp f'periklu permezz tas-sewqan tieghu, isuq b'mod traskurat, perikoluz u bla kont, u sahansitra jibqa ghaddej fuq traffic lights mixghulin homor. Tali agir zgur li m'huwiex wiehed li jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati, minbarra li hu illegali u juri attitudni ta' persuna li temmen li hi 'l fuq mil-ligi.

Ghaldaqstant, qed nitolbok tinvestiga l-agir tad-Deputat Karol Aquilina u taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhirlek xierqa fic-cirkostanzi.

Dan il-filmat wasal fil-pussess tieghi ftit granet ilu.

Tislijiet,

Karl Stagno-Navarra
Prezentatur / Gurnalist
PJAZZA - ONE HD
ID [redacted] / TEL [redacted]

ATTACHED FILMAT TAD-DOKUMENT IMXANDAR FUQ PJAZZA 15 TA' MEJJU 2020

DOKUMENT B

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Karl Stagno Navarra <[redacted]> |
| **Sent:** | Monday, 18 May 2020 11:17 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Re: TALBA FORMALI GHAL INVESTIGAZZJONI |

Ghaziz Sur Polidano,
Nirringrazzjak tan-nota ta' konferma dwar l-ilment mressaq minni quddm il-Kummissarju Hyzler.
Fl-isfond tal-ahhar zvilupopi matul dawn l-ahhar 48 siegha, fejn l-Onor Dr Karol Aquilina allega pubblikament
li jien strument ta' rikatt minn ufficcjal gholi fi hdan il-Korp tal-Pulizija, qed nitlob li din l-allegazzjoni wkoll tkun investigata separatament mill-ilment originali.
L-Onor Aquilina rrikorra ghal din it-tattika intimidatorja fil-konfront tieghi, kif ukoll permezz ta' stqarrija li fiha ghajjarni giddieb.
B'din in-nota, niddijara li jien lest biex nidher quddiem il-Kummissarju u nissostanzja bil-provi kollha li ghandi f'idejja dwar iz-zewg kazi msemmija.
Nibqa ghad-dispozizzjoni tal-Ufficcju tal-Kummissarju ghal kull kjarifika.
Tislijiet
Karl Stagno-Navarra
ID [redacted] / TEL [redacted]

On Sat, May 16, 2020 at 6:29 PM Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com> wrote:

> Sur Stagno Navarra,
>
> Nixtieq ninformak li dan l-uffiċċju rċieva l-ilment tiegħek u niżżel il-filmat marbut miegħu.
>
> Charles Polidano
>
> Direttur Ġenerali
>
> **Office of the Commissioner for Standards in Public Life**
>
> 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
> +356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

DOKUMENT Ċ

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

**From:** Joe Cardona <[redacted]>
**Sent:** Sunday, 17 May 2020 08:40
**To:** Office
**Subject:** Tista tinvestiga

**Importance:** High

Dr George Hyzler
Standard Commissioner

Dr Hyzler

Rajt video fuq il-One fejn fih deher Dr Karol Aquilina , MP Nazzjonalista fejn f'mument minnhom deher ghaddej minn fuq Red Light bin-nies lesti biex jaqsmu.

Dan il-video deher fuq Pjazza u kif ukoll fl-ahbarijiet tal-One.

Kemm nistaqsi li Membru Parlamentari jista jibqa' ghaddej min fuq Red Light ghax jekk jinqabad xi persuna normali nahseb li jispicca jigi imwaqqa mill-pulizija u jignhata citazzjoni>

Milli smajt l-Onorevoli Aquilina meta gie imkellem mill-pulizija uza l-Immunita Parlamentari.

Mela ghax int MP tista taghmel li trid u tikser ir-regolamenti tat-traffiku?

Ma nafx jekk dan jaqa' taht l-ufficcju tieghek?

Inselli ghalik

Joe Cardona

---

Virus-free. www.avast.com

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

| | |
|---|---|
| **From:** | Aquilina, Karol <[redacted]> |
| **Sent:** | Wednesday, 20 May 2020 08:52 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Cc:** | George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Re: Ilment imressaq minn Karl Stagno Navarra |

Għażiż Sur Polidano,

Grazzi tal-email tiegħek.

Nikkonferma li ser inkun qiegħed nattendi għal-laqgħa mal-Kummissarju nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2020 fit-3.00 p.m. Napprezza jekk tkun tista' tibgħatli kopja tal-ilment/i li rċieva l-Kummissarju fir-rigward tiegħi biex inkun nista' niggwida ruħi.

Tislijiet,

**Karol Aquilina**

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari
m +356[redacted] e [redacted] w karolaquilina.com

On Tue, 19 May 2020 at 12:07, Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com> wrote:

> Onor Dott Aquilina
>
> Nirreferi għall-messaġġ tiegħek tas-16 ta’ Mejju 2020 lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.
>
> Inti mitlub tattendi għal laqgħa mal-Kummissarju fl-uffiċċju tiegħu nhar il-Ġimgħa 22 ta’ Mejju 2020 fit-3.00 pm.
>
> Inselli għalik,

Charles Polidano

Direttur Ġenerali

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

---

**From:** Aquilina, Karol <[redacted]>
**Sent:** Saturday, May 16, 2020 2:48 PM
**To:** George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <commissioner@standardscommissioner.com>
**Cc:** Farrugia Anglu at Parlament-MT <anglu.farrugia@parlament.mt>; Scicluna Raymond <ray.scicluna@parlament.mt>
**Subject:** Ilment imressaq minn Karl Stagno Navarra

Għażiż Sur Kummissarju,

Niktiblek b'referenza għall-ilment li ressaq quddiemek is-Sur Karl Stagno Navarra dwar ċirkostanzi li seħħew f'Ġunju 2019.

Filwaqt li minn issa niċħad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet kollha ta' Karl Stagno Navarra, xtaqt ġentilment nitlob laqgħa miegħek sabiex inwieġeb għal kull mistoqsija li jista' jkollok u sabiex nagħtik kwalunkwe informazzjoni u/jew spjegazzjoni li tista' tkun meħtieġa fit-twettieq tal-investigazzjoni tiegħek.

Inselli għalik,

**Karol Aquilina**

DOKUMENT E

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

29 ta' Mejju 2020

Is-Supretendent Carmelo Magri
Aġent Kummissarju tal-Pulizija

Bl-email fuq carmelo.magri@gov.mt

Sur Magri,

**Ilment kontra l-Onor Karol Aquilina MP**

Kif ġie rapportat fil-midja dan l-aħħar, jiena rċevejt ilment mingħand is-Sur Karl Stagno Navarra li allega li l-Onor Dr Karol Aquilina MP saq karozza b'mod perikoluż u naqas milli josserva struzzjonijiet leġittimi tal-pulizija.

Jumejn ilu ġie rapportat ukoll li s-Sur Stagno Navarra kitiblek biex jitolbok tinvestiga l-istess każ.

Skont l-artikolu 13(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, jiena obbligat nissospendi investigazzjoni jekk l-istess kwistjoni tkun qegħda tiġi investigata mill-pulizija.

Għaldaqstant nitolbok tinformani jekk il-pulizija hix qed tmexxi jew bi ħsiebha tmexxi xi investigazzjoni relatata ma' dan il-każ. Jekk iva, nitolbok tindika kemm mistennija ddum l-investigazzjoni u x'inhu s-suġġett preċiż tagħha.

Napprezza risposta bikrija.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT F

2 ta' Ġunju, 2020

Ref Tagħna: P.2036/2020

Dr. George Marius Hyzler
Kummissarju Għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Għażiż Dr. Hyzler,

**Ilment kontra l-Onor. Karol Aquilina MP**

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek bid-data tad-29 ta' Mejju, 2020 dwar is-suġġet hawn fuq imsemmi.

Kif mitlub minnek skont l-artikolu 13(3) tal-Kap. 570, għandi ninfurmak li l-Pulizija qed tinvestiga denunzja magħmula mis-Sur Karl Stagno-Navarra fis-27 ta' Mejju, 2020 dwar allegat aġir kontra l-liġi tal-Onor. K. Aquilina M.P.

Is-Sur Stagno-Navarra qed jallega li nhar it-3 ta' Ġunju, 2019 fil-Marsa l-Onor. Aquilina saq b'mod perikoluż u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku.

Filwaqt li din d-denunzja qed tiġi nvestigata skont il-liġi mill-aktar fis possibbli, mhinix f'pożizzjoni li, *a priori,* ninfurmak kemm se ddum din l-investigazzjoni.

Inselli għalik,

Carmelo Magri
Aġent Kummissarju tal-Pulizija



Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Pjazza San Kalċidonju, Floriana - Malta, FRN 1530
+356 2122 4001 | pulizija@gov.mt | pulizija.gov.mt

**KAROL AQUILINA**

**DOKUMENT G**

26 ta' Ottubru 2021

Dott. George Hyzler
Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju, Dott. Hyzler,

Nirreferi għaż-żewġ ilmenti mressqa quddiemek mis-Sur Karl Stagno Navarra, l-ewwel wieħed bid-data tas-16 ta' Mejju 2020 u t-tieni wieħed bid-data tat-18 ta' Mejju 2020 kif ukoll għall-ilment imressaq quddiemek mis-Sur Joe Cardona bid-data tas-17 ta' Mejju 2020.

Kif żgur taf, il-Pulizija kienu bdew proċeduri fil-konfront tiegħi dwar il-mertu tat-tliet ilmenti hawn fuq imsemmija. Dawn il-proċeduri ġew fi tmiemhom nhar il-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021, meta l-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ippreseduta mill-Maġistrat Victor G. Axiak lliberatni "[...] *minn kull imputazzjoni u ħtija peress illi dawn assolutament ma' jirriżultawx*".

Fis-sentenza tagħha l-Qorti qalet: "*Il-Qorti hija inkredula kif minkejja li l-imputat jidher b'mod ċar illi f'kull ħin u f'kull mument huwa osserva l-liġijiet kollha tat-traffiku, inkluż li jieqaf fuq l-iStop sign u jixgħel l-indicator fejn rikjest, huwa ġie mressaq b'dawn l-akkużi.*".

Mehmuż għandek issib vera kopja tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ippreseduta mill-Maġistrat Victor G. Axiak nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021. Wara verifiki li għamilt mar-Reġistru tal-Qorti, jiena ġejt infurmat li l-Avukat Ġenerali rċieva l-kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru 2021 u għalhekk minn dakinhar l-Avukat Ġenerali kellu tnax-il jum tax-xogħol biex jippreżenta appell mis-sentenza u dan skont dak li jipprovdi l-artikolu 417 (1) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Wara li għaddew l-imsemmija tnax-il jum tax-xogħol, jiena ikkonfermajt mar-Reġistru tal-Qorti li l-Avukat Ġenerali ma kienx ippreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk is-sentenza li ngħatat nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021 kienet saret waħda definittiva.

Għaldaqstant filwaqt li nġib dan kollu għall-attenzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok tipproċedi bl-investigazzjoni tiegħek skont dak li jipprovdi l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta). Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdi kull informazzjoni u assistenza li jista' jkollok bżonn sabiex twettaq l-investigazzjoni tiegħek.

Inselli għalik,

Karol Aquilina

m. [redacted] e. [redacted] w. karolaquilina.com

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Fenech Maria D at Court Services Agency <maria.d.fenech@courtservices.mt> |
| **Sent:** | Monday, 1 November 2021 10:28 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | RE: Submission of appeal in case against the Hon. Karol Aquilina MP |

Mr Polidano,

According to our computerised records there was no appeal against Mr Karol Aquiline and therefore the judgement given on 29th September 2021 is now definite.

Regards,

**Maria Dolores Fenech**
**Acting Registrar**

t +356 25902639

e maria.d.fenech@courtservices.mt w www.courtservices.mt

REPUBLIC STREET,
VALLETTA VLT1112

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** Friday, 29 October 2021 14:28
**To:** Fenech Maria D at Court Services Agency <maria.d.fenech@courtservices.mt>
**Subject:** Submission of appeal in case against the Hon. Karol Aquilina MP

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ms Maria Fenech
Assistant Registrar, Criminal Courts
Court Services Agency

Dear Ms Fenech,

The Commissioner for Standards in Public Life is considering a complaint against the Hon. Dr Karol Aquilina MP in connection with allegations that were also the subject of recent court proceedings. The court case was Il-Pulizija (Spettur Nicholas Vella) v. Karol Aquilina and it was decided by the Court of Magistrates (Criminal Judicature) on 29 September 2021. The Commissioner suspended his investigation of this case since, by law, he cannot investigate a case which is the subject of court proceedings.

You are kindly requested to state whether an appeal has been submitted in this case, or whether the sentence of the Court of Magistrates is now definitive.

With thanks,

Charles Polidano
Director General

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com